MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 614/1999/1

**Caroline May Bugeja**

**Vs**

**Kenneth Bugeja**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-partijiet izzewgu fit-28 ta’ Settembru 1996 kif jindika c-certifikat anness ma’ l-att tac-citazzjoni bhala Dokument “A”;

Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg gie miksub bi vjolenza sew fizika sew morali, jew biza Art. 19 (1) (a) Kap. 255;

Premess illi l-kunsens tal-partijiet kien eskluz minhabba zball fuq l-identita` tal-parti l-ohra Art. 19 (1) (b) Kap. 255;

Premess illi l-kunsens tal-parti nkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga Art 19 (1) (c) Kap. 255;

Premess illi l-kunsens kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg Art. 19 (1) (d) Kap. 255;

Premess illi l-kunsens ta' wahda mill-partijiet gie miksub bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ta' l-att taz-zwieg Art. 19 (1) (f) Kap. 255;

Premess illi wahda mill-partijiet ghalkemm mhux interdetta jew marida b'mohha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg Art. 19 (1) (h) Kap. 255;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-28 ta' Settembru 1996 huwa null ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) (a) (b) (c) (d) (f) (h) tal-Kapitolu 255 tal-ligijiet ta' Malta u ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-konvenut jammetti li z-zwieg bejn il-kontendenti kellu jigi dikjarat null, pero` limitatament u ghar-ragunijiet imputabbli lejn l-attrici, u b’mod partikolari ghall-fatt li skond dak li tghid l-istess attrici, il-kunsens ta’ l-istess attrici kien bazat fuq eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ta’ l-att taz-zwieg (Artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255), stante li l-hija zzewget biex jigi evitat li l-istess attrici, li hija barranija, tigi mibghuta l-barra mill-pajjiz;

2. Illi del resto, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi:-

a. Ma tezisti l-ebda cirkostanza imputabbli lejn il-konvenut li kienet twassal biex il-kunsens moghti mill-kontendenti kien vizzjat jew b’xi mod iehor kundizzjonat kif rikjest u stipulat fl-artikolu 19(1) (a), (b), (c), (d) u (h);

b. L-attrici kienet taf bil-fatti kollha li llum il-gurnata qeghda tipprova thammeg lill-konvenut bihom, stante li l-kontendenti kienu ilhom jghixu ghal perjodu ta’ sentejn flimkien qabel ma ghazlu li jizzewgu;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet ta’ l-10 ta’ Jannar 2000 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea biex tigbor il-provi;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Din hija kawza tendenti ghall-annullament taz-zwieg bazata tista' tghid fuq il-kwazi totalita` tal-premessi indikativi fl-Artikolu 19(1) tal-Kapitolu 255, senjatament subincizi (a), (b), (c), (d), (f) u (h);

Il-konvenut jaccetta li z-zwieg ghandu jigi dikjarat null pero` hu jattribwixxi t-tort lill-attrici u limitatament fil-parametri tas-subinciz (f) ta' l-Att dwar iz-Zwieg;

Il-fatti f'dan il-kaz jistghu jigu hekk ri-epilogati:-

I. L-attrici hi ta' nazzjonalita` barranija u saret taf lill-konvenut fl-1994 meta kienet tinsab Malta ghal vakanza;

II. Huma ghamlu sentejn jghixu flimkien qabel ma ittiehdet id-decizjoni li jizzewgu. Iz-Zwieg gie celebrat fit-28 ta' Settembru 1996 bir-rit religjuz;

III. Kemm l-attrici (fol. 21) kif ukoll habibitha Deborah Cauchi (fol. 10) jiddeskrivu l-imgieba tal-konvenut fis-sens li dan kien *"selfish"*, mehdi fil-*films* ta' xehta pornografika, u biex jimmanipula lill-attrici u jsawwarha f'semplici ogget sesswali li joghgob il-fantasija u l-gosti tieghu. L-attrici tiddeskrivi lilha innifisha bhala "*sex slave*" ta' zewgha;

IV. Min-naha tieghu l-konvenut (fol. 42) jirribatti illi martu kienet *depressed* u bdiet taghtiha ghax-xorb. Hi kienet ghamlet hbieb ma' certa Elaine Casha li hu jiddeskrivi bhala bi-sesswali u prostituta u infatti meta telqet mill-fond konjugali martu marret tghix maghha;

V. Iz-zewg kontendenti jikkorroboraw dak li xehdet Deborah Cauchi fis-sens li z-zwieg taghhom kien wiehed ta' konvenjenza bl-iskop li jigi evitat l-inkonvenjent li l-attrici jkun jehtiegilha issiefer kull tant zmien biex iggedded il-visa. B'hekk kienu jigu wkoll iffrankati l-ispejjez tal-vjaggi fl-Ingilterra;

VI. Jinghad minn din l-istess xhud, u anke mill-attrici, illi l-konvenut ma ppartecipax fil-preparattivi ghat-tieg, ma kellhomx mezzi "*to fund a wedding*" u li dakinhar tac-celebrazzjoni "*Caroline seemed unaffected as though she knew not what she was doing and she wanted it over and done with as soon as possible.*" Skond il-konvenut martu kienet tilmenta li zzewget kmieni wisq;

VII. Jinghad ukoll illi z-zewg partijiet ma ridux tfal jew li jkunu familja flimkien;

B'dawn il-ftit fatti maghrufa din il-Qorti ma tarax kif l-azzjoni attrici kapaci tirnexxi taht is-subincizi (a) u (c). Fil-fatt ma jirrizultalhiex illi l-provi jwasslu ghal dak il-grad li jista' jinghad b'certezza illi l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet gie ottenut bi "vjolenza", "biza" jew "bi frodi". Ma tirrizulta l-ebda pressjoni gravi jew indebita, determinanti u ingusta biex jista' jinghad li kienet tezisti xi minaccja ghall-integrita` fizika u morali. Lanqas ma tista tirravvisa l-"qerq" jew "raggir" li jista' jkun motiv ta' nullita` tal-kuntratt taz-zwieg fis-sens ta' dak dispost fl-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. Dan ma giex pruvat u l-oneru ta' din il-prova kien jinkombi lill-attrici li allegat l-ghemil doluz (Artikolu 981(2) tal-Kodici Civili);

Jista' jigi obbjettat illi l-kontendenti dahhlu ghaz-zwieg impreparati izda ma jistax jigi negat illi ghalih dahlu volutament u minghajr kostringiment jew inganni tali li gabu sopraffazzjoni tal-volonta` reciproka taghhom;

Difficilment, imbaghad, jista' jigi konsentit illi a tenur tas-subinciz (b), il-kunsens ta' xi wiehed mill-kontendenti kien eskluz minhabba zball fuq l-identita` tal-parti l-ohra. Konsiderati oggettivament, il-fatti ma jwasslux biex jinvalidaw il-kunsens fuq din il-bazi. Il-partijiet kienu ilhom jghixu flimkien ghal sentejn qabel iz-zwieg u certament, sa minn qabel iz-zwieg, anke ghaliex dan hu sahansitra ammess mill-attrici fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni akkumpanjanti c-citazzjoni, hi kienet familjari ma' l-"ossessjoni" tal-konvenut dwar is-sesswalita` tieghu. Ma jezisti ghalhekk l-ebda zball, la soggettiv, la skuzabbli u

wisq anqas determinanti a norma ta' l-Artikolu 974 tal-Kapitolu 16. (**Vol. XXVIII P III p 1218; Vol. XLV P I p 327**);

Vizwalizzat taht is-subincizi (d), (f) u (h) ir-ragjonament jiehu perkors differenti. Mill-kumpless tal-provi jista' jinghad li jezistu sintomi bizzejjed ghall-konvinciment illi l-kontendenti t-tnejn ma kienux preparati ghaz-zwieg. Dan fis-sens illi fl-ghoti tal-kunsens matrimonjali huma kienu privi minn dik il-kritika estimattiva jew kritika valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg. Jinhass sew li kienu inkapaci li jirriflettu kif kien xieraq fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali u, in kwantu indotti mill-iskop uniku li jevitaw spejjez zejda ta' vjaggi ghar-renova tal-visa ta' l-attrici, ma hasbux b'mod sufficcjenti fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga. Jidher li kien ghalihom issoktaw jikkoabitaw flimkien u minghajr irbit ta' zwieg. Id-decizjoni taghhom ghalhekk li jikkontrattaw iz-zwieg kienet wahda ghal kollox zbaljata;

It-tnejn li huma komplew jghixu l-hajja singolari taghhom anke wara z-zwieg, nieqsa minn motivazzjoni li jifformaw familja u shubija vera ta' hajja komuni flimkien b'dawk id-drittijiet u doveri reciproci li tali ghazla necessarjament iggib maghha. Huwa komplew jghixu l-istil ta' hajja taghhom u ma nbidel xejn, tant li meta ddecidiet li titlaq fi kliem l-attrici (fol. 22) zewgha "*showed no emotions", "did not get angry", "nor show any concern"*;

Kwantu ghas-subinciz (h), jekk kellu jinghata affidament lix-xhieda dwar l-allegata ossessjoni tal-konvenut din, skond xi opinjonisti, tista' tekwivali ghal personalita` immatura li kapaci tigi kazellata taht dan is-subinciz. Il-Qorti pero` tinnota illi a fol. 53 l-attrici irtirat dik il-parti ta' l-affidavit taghha fejn accennat ghal din l-ossessjoni u ghalhekk strettament ma hijiex ser tikkonsidra t-talba attrici mill-perspettiva ta' dan is-subinciz.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u b'hekk tiddikjara z-zwieg bejn il-kontendenti celebrat fit-28 ta' Settembru 1996 bhala null u bla effett izda biss ghall-motivi dedotti fl-Artikolu 19(1) (d) u (f) ta' l-Att dwar iz-Zwieg.  Konsegwentement tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg li kopja tieghu giet esebita a fol. 5 tal-process.

Tenut rigward tac-cirkostanzi, l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------